# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-13 ta' Jannar 2025**

**Talba nru. 277/2017 IS**

**DR. CARLOS BUGEJA (I.D. 391687 (M)) BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TA' DITTA GIUSEPPA POLIZZI**

*VERSUS*

**PALUMBO MALTA SHIPYARD LIMITED (C 48983)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2017 (a fol 1 et seq), id-ditta attriċi talbet l-ammont ta´ elfejn u disa' mitt Ewro (Eur 2,900.00) rappreżentanti danni likwidati u sofferti mid-ditta attriċi illi jikkonsistu fis-somma ta' elf u sitt mitt Ewro (Eur 1,600.00) rappreżentanti danni fuq is-saldatriċi u s-somma ta' elf u tliet mitt Ewro (Eur 1,300.00) rappreżentanti danni fuq il-vetturia bin-numru tar-reġistrazzjoni ME589028, kif ukoll l-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji.

Ra illi fis-27 ta' Ġunju 2017, is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 19).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fl-10 ta' Lulju 2017 (a fol. 24, 28 u 30 sa 38).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat ukoll kontro-talba fl-10 ta' Lulju 2017 (a fol. 25 u 29 u 39 sa 40).

Ra illi d-ditta attriċi ippreżentat ir-risposta tagħha in konnessjoni mal-kontro-talba fl-4 ta' Awwissu 2017 (a fol. 42).

Ra illi saru diversi seduti u xehdu diversi persuni.

Ra illi fil-11 ta' Ottubru 2018, id-ditta attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 94).

Ra illi fid-29 ta' Novembru 2019, is-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 161).

Ra illi l-partijiet għalqu l-provi kollha fit-2 ta' Diċembru 2021 (a fol. 183).

Ra illi t-Tribunal kien ser jagħti s-sentenza fil-11 ta' Marzu 2024 u dan skond il-verbal datat 11 ta' Marzu 2024 (a fol. 227) b'dan illi pero' fil-11 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' konvenuta ippreżentat nota illi l-partijiet iffirmaw tranżazzjoni bejniethom (a fol. 226).

Ra il-verbal datat 16 ta' Ottubru 2024 (a fol. 234) u l-verbal datat 4 ta' Diċembru 2024 (a fol. 235) fejn il-mandatarju tad-ditta attriċi informa lit-Tribunal li kien qed jirriskontra diffikultajiet sabiex jikkomunika mad-ditta attriċi b'dan illi qatt ma ppreżenta ebda nota ta' ċessjoni.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi d-ditta attriċi kienet qed teżegwixxi xi xogħolijiet ġewwa l-binja tas-soċjeta' konvenuta. Ma hux anqas kontestat bejn il-partijiet illi s-soċjeta' konvenuta ħarġet mandat ta' qbid kawtelatorju fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ME589028 u s-saldatriċi b'dan illi pero' s-soċjeta' konvenuta m mxietx b'kawża u b'dan illi d-ditta attriċi għamlet kontro-mandat sabiex tkun tista' tieħu lura tali oġġetti.

Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hi dwar l-allegat danni li sofriet id-ditta attriċi fuq l-imsemmija vettura u s-saldatriċi filwaqt illi s-soċjeta' konvenuta tallega li hi għandha d-dritt li titħallas mingħand id-ditta attriċi ġjaladarba l-vettura hawn fuq imsemmija għadha tinstab ġewwa l-binja privata tas-soċjeta' konvenuta.

Ħsarat fuq il-vettura u s-saldatriċi tad-ditta attriċi

Id-ditta attriċi tikkontendi illi l-vettura bir-reġistrazzjoni numru ME589028 kienet taħdem meta kienet għadha fil-pussess tad-ditta attriċi. Dan il-punt ma jistax ikun kontestat għaliex id-ditta attriċi saqet tali vettura sabiex daħlet ġewwa l-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta. Biss pero' huwa minnu wkoll illi d-ditta attriċi daħlet darba biss b'din l-imsemmija vettura u ma kinitx issuqha iktar peress illi l-ħaddiema kienu jitrasportaw b'vettura oħra, u dan skond ix-xhieda datata 2 ta' Lulju 2019 ta' Giovanni Vernuccio, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 148.

Pero, ġjaladarba is-soċjeta' konvenuta ħarġet mandat ta' qbid fuq din l-imsemmija vettura, tali soċjeta' konvenuta kellha d-dmir illi tieħu ħsieb din l-imsemmija vettura. Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jirregola tali mandat ta' qbid kawtelatorju u jipprovdi fl-Artikolu 846 (2) illi għandu jkun hemm maħtur kunsinnatarju meta jsir tali qbid. Dan it-Tribunal ma jaqbilx mat-teżi tad-ditta attriċi illi l-kunsinnatarju ma setax ikun il-kreditur u dan għaliex Artikolu 287 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta japplika biss għal mandat ta' qbid eżekuttiv u mhux dak kawtelatorju, b'dan illi li kieku l-leġislatur ried illi tali provvżjoni tapplika anke meta jkun hemm mandat ta' qbid kawtelatorju, il-leġislatur kien ikun ċar. Mill-banda l-oħra, ġjaladarba l-mandat ta' qbid kawtelatorju jirreferi għal kunsinnatarju, hu important li t-Tribunal jifhem x'inhuma l-obbligi tal-kunsinnatarju. F'dan ir-rigward, it-Tribunal ħares lejn il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *in toto*, fejn wieħed jista' jsib illi l-Artikoli 289 u 290 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma ċari fejn il-kunsinnatarju għandu juża d-diliġenza ta' missier tajjeb u għandu jkun responsabbli għall-preservazzjoni xierqa tal-ħwejjeġ. Huwa minnu illi anke tali artikoli jinsabu taħt il-mandat ta' qbid eżekuttiv biss, pero', tali aritkoli iridu jkunu applikabbli f'dan ir-rigward ukoll għaliex huwa prinċipju ben assodit fil-Liġi nostrana illi tkun applikabbli id-diliġenza ta' missier tajjeb meta wieħed hu obbligat illi jieħu ħsieb l-affarijiet ta' ħaddiehor. Inoltre', huwa fl-interess ta' min joħroġ mandat ta' qbid kawtelatorju sabiex jieħu ħsieb tali oġġetti. B'dan illi kien fl-interess tas-soċjeta' konvenuta illi jaraw illi l-vettura tibqa' taħdem meta tkun taħt is-setgħa tagħhom u jekk tali vettura ma kinitx taħdem meta ħarġu tali mandat, is-soċjeta' konvenuta kellha kull interess illi tirrikordja tali fatt. Ġjaladarba s-soċjeta konvenuta m'għamlet xejn, jidher fuq bażi ta' probabbilita', illi s-soċjeta' konvenuta hi responsabbli għad-danni sofferti mid-ditta attriċi fuq l-imsemmija vettura u kellha l-obbligu illi tirritorna l-vettura lid-ditta attriċi fil-kundizzjoni illi kienet taħt idejn l-imsemmija ditta u s-soċjeta' konvenuta għandha tkun responsabbli għal dawk id-danni illi jkun hekk ippruvati illi huma neċessarji sabiex l-imsemmija vettura terġa' tkun tista' tistartja. B'dan illi pero', id-ditta attriċi ma ġabitx prova ċara kemm jiswew tali ħsarat sabiex tali vettura terġa' taħdem kif kienet qabel.

Jibqa' wkoll fatt important ieħor illi id-ditta attriċi ma setgħetx tiftaħ kawża hi *stante* illi m'għandix *locus standi* għaliex ma hiex persuna ġuridika. Artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, hu ċar min hu kummerċjant u d-ditta attriċi ma taqax f'dawk il-parametri. Tali Artikolu fil-fatt jipprovdi illi "*Kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f'isimhom atti tal-kummerċ, kif ukoll is-soċjetajiet kummerċjali.*" B'dan illi għaldaqstant, id-ditta attriċi kellha tagħmel l-azzjoni f'isem persuna naturali li tkun qed topera għan-nom tagħha innifisha b'dan illi jekk trid, tkun tista' tindika l-isem tad-ditta. Inoltre' anke Artikolu 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiddisponi illi ditta kummerċjali m'hix persuna ġuridika. F'dan il-każ, ir-rappreżentant legali kellu jindika l-isem naturali tal-persuna li tkun qed taħdem f'isem id-ditta kummerċjali. Ir-rappreżentant legali tqabbad bħala mandatarju biss tad-ditta attriċi b'dan illi jidher kif inhu indikat l-okkju

illi l-mandant hija d-ditta attriċi, u liema ditta attriċi ma tistax tkun il-mandant. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tad-ditta attriċi għal danni sofferti fuq l-imsemmija vettura.

Fir-rigward tas-saldatriċi, id-ditta attriċi ġabet biss prova illi fl-2013 kienu ġodda b'dan illi pero' is-soċjeta' konvenuta ippreżentat il-mandat kawtelatorju fit-22 ta' Settembru 2014 u b'dan illi allura kien għadda ż-żmien fuq l-isemmija għodda, u liema żmien irid jittieħed in konsiderazzjoni. Biss pero', ir-responsabbiltajiet ta' kunsinnatarju diskussi iktar 'il fuq għandhom japplikaw hawnhekk ukoll. Ukoll, skond ix-xhieda ta' Giovanni Vernuccio datata 2 ta' Lulju 2019, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 144, id-ditta attriċi ħadet l-għodda lura. Inoltre', il-problema illi d-ditta attriċi ma tistax tagħmel kawża, hekk kif diskuss iktar 'il fuq għandu japplika hawn ukoll.

<u>Talba rikonvenzjonata</u>

Is-soċjeta' konvenuta allegat illi ġjaladarba d-ditta attriċi ħadet il-vettura minn post u tefgħatha f'post privat ieħor tas-soċjeta' konvenuta, id-ditta attriċi hi responsabbli sabiex tħallas lis-soċjeta' konvenuta flus bil-ġurnata sakemm l-imsemmija vettura tibqa' hemm. B'dan illi pero, fil-finali trattazzjoni, datata 2 ta' Diċembru 2021, ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' konvenuta, u liema parti mit-trattazzjoni tinsab a fol. 190, ikkonferma illi d-ditta attriċi qatt ma kienet ġiet infurmata illi kien se jkun hemm *charge* jekk id-ditta attriċi tħalli l-vettura hemmhekk fuq proprjeta' privata tas-soċjeta' konvenuta b'dan illi allura s-soċjeta' konvenuta qatt ma tista' timponi tali *charge* mingħajr ma tkun qabel infurmat lill-parti l-oħra.

B'dan illi pero', ukoll, hekk kif inhu diskuss iktar 'il fuq, id-ditta attriċi m'għandhix *locus standi* f'dawn il-proċeduri.

<u>Nota ta' ċessjoni</u>

Dan it-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat nota fil-11 ta' Marzu 2024 fejn infurmat lit-Tribunal illi l-partijiet ikkonkludew u ffirmaw tranżazzjoni fuq il-pendenzi kollha f'Malta u fl-Italja, liema nota tinsab a fol. 226. B'dan illi pero' it-Tribunal innota illi s-soċjeta' konvenuta ma ppreżentat ebda ftehim f'dan ir-rigward u wkoll illi s-soċjeta' konvenuta qatt ma ppreżentat ebda nota ta' ċessjoni fuq it-talba rikonvenzjonata, u dan ai termini tal-Artikolu 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ukoll, il-verbal datat 16 ta' Ottubru 2024 (a fol. 234) u l-verbal datat 4 ta' Diċembru 2024 (a fol. 235) jgħidu illi il-mandatarju tad-ditta attriċi informa lit-Tribunal li kien qed jirriskontra diffikultajiet sabiex jikkomunika mad-ditta attriċi b'dan illi qatt ma ppreżenta ebda nota ta' ċessjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 180 tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, dan it-Tribunal kellu bilfors jippronunzja din is-sentenza irrispettivament minn kwalunkwe ftehim li seta' intlaħaq bejn il-partijiet.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tad-ditta attriċi.

Dan it-Tribunal, jiċħad ukoll it-talba rikonvenzjonata.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma nofs a kariku tad-ditta attriċi u ċioe' tal-persuna naturali illi taġixxi f'isem id-ditta attriċi u nofs a karigu tas-soċjeta' konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur